18 ta' Ġunju, 1954.

Aġent Imħallef:
L-Onor. Dr. G.A. Camilleri, LL.D

Arturo Mirasole *versus* Emmanuele Borg

**Mandati — Sekwestru — Eżekuzzjoni — Marixxall — Purtier — Nullità — Art. 65, 67 (1) u 68 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-eżekuzzjoni tal-mandati jew ordnijiet oħra tal-Qrati Superjuri u tal-Qrati tal-Maġistrati hija affidata lill-Marixxalli; iżda l-marixxalli jistgħu jeżegwixxu dawk il-mandati jew ordnijiet oħra tant personalment kemm per mezz ta' purtieri.*

*Għaldaqstant, mandat ta' sekwestru ma jistax jiġi attakkat b'nullità fuq il-motiv li ġie eżegwit minn marixxall per mezz ta' purtier; imma jista' jiġi attakkat b'nullità, u huwa null u bla effett legali, jekk jiġi eżegwit minn purtier.*

Il-Qorti, — **Rat** iċ-ċitazzjoni li biha, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-konvenut fit-30 ta' April 1954 ottjena minn din il-Qorti l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru kontra l-attur (dok A); u billi dana l-mandat ġie nullament eżegwit, billi s-sekwestratarji ġew notifikati per mezz ta' purtier, u mhux per mezz ta' marixxall kif jirrikjedi l-art. 378 (1) tal-Proċedura Ċivili; u billi fi kwalunkwe każ il-ħlas (merċedi) li qiegħed jirċievi l-attur bħala assistent materjali tal-marixxall waqt l-eżekuzzjoni tal-mandati ma tistax tiġi milquta mill-imsemmi mandat, skond kif jinsab dispost fl-art. 382 (1) (d) tal-Proċedura Ċivili; l-attur talab li jiġi minn dina l-Qorti l-imsemmi mandat ta' sekwestru dikjarat null u bla effett legali għall-motivi fuq riferiti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-attur b'din iċ-ċitazzjoni qiegħed jattakka bħala null u ta' ebda effett legali l-mandat ta' sekwestru fl-istess imsemmi għal żewġ motivi: wieħed, għaliex is-sekwestratarji ġew notifikati per mezz ta' purtier, u mhux per mezz ta' marixxall kif jirrikjedi l-art. 378 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċi-

vili; u t-tieni wieħed, għaliex il-ħlas li huwa, ċjoè l-attur, jirċievi bħala assistent materjali tal-marixxall waqt l-eżekuzzjoni tal-mandati, ma tistax tiġi milquta mill-imsemmi mandat ta' sekwestru, in bażi għall-art. 382 (1) (d) ta' l-imsemmi Kodiċi;

Ikkunsidrat, fuq l-ewwel motiv tan-nullità tas-sekwestru allegat mill-attur;

L-eżekuzzjoni tal-mandati jew ordnijiet oħra tal-Qrati Superjuri u tal-Qrati tal-Maġistrati hija affidata lill-marixxalli, skond ma jiddisponi l-art. 65 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; però, skond l-art. 67 (1) ta' l-istess Kodċi, il-marixxalli "jeżegwixxu d-dmirijiet tagħhom huma nnifishom jew bil-mezz ta' purtieri, skond ir-Regolamenti magħmula taħt l-art. 30 jew, fin-nuqqas ta' dawn ir-regolamenti, skond l-ordnijiet, ukoll bil-fomm, ta' l-Imħallfin jew Maġistrati kif jingħad fl-art. 55, inkella tar-Reġistraturi rispettivi";

Fil-każ preżenti, il-mandat tas-sekwestru spedit minn din il-Qorti fuq talba tal-konvenut kontra l-attur, li, skond ma jippreskrivi l-art. 378 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jiġi eżegwit billi tingħata kopja tiegħu per mezz ta' marixxall lis-sekwestratarju u kopja oħra tingħata wkoll lid-debitur, ġie eżegwit mhux minn marixxall personalment, jew per mezz ta' purtier, imma ġie eżegwit minn purtier, u ċjoè "J. Mifsud Tommasi, Purtier", li ffirma r-riferta kif jidher mill-kopja ta' l-istess sekwestru eżibita maċ-ċitazzjoni (dok. A, fol. 5 tal-proċess). Verament dan il-mandat ta' sekwestru ma setax jiġi eżegwit minn ebda wieħed mill-marixxalli tal-Qrati Superjuri, għaliex huma kienu s-sekwestratarji, peress illi, skond l-art. 67 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-art. 57 ta' l-istess Kodiċi huwa applikabili anki għalihom;

Il-konvenut, fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu u fit-trattazzjoni tal-kawża, per mezz tad-difensur tiegħu sostna illi l-attur ma jistax, in vista ta' dak li hemm dispost fl-art. 68 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jattakka jew jimpunja l-eżekuzzjoni tal-fuq imsemmi mandat ta' sekwestru għaliex in-notifika ma saretx minn marixxall. Dan l-art. 68 jiddisponi hekk:— "Ħadd ma jista', f'ebda każ, iżomm purtier milli jeżegwixxi mandat jew ordni ta' Qorti, inkella ta' Imħallef

Maġistrat jew Reġistratur, u ħadd ma jista' jattakka r-regolarità ta' l-eżekuzzjoni ta' ebda att minħabba li l-mandat, l-ordni jew l-att, skond ir-regolamenti kellu, jew kien imissu, ikun eżegwit minn marixxall". Lil dan l-artikolu ma tistax tiġi mogħtija l-interpretazzjoni li jrid il-konvenut, u ċjoè li wieħed ma jistax jattakka jew jimpunja l-eżekuzzjoni ta' mandat meta din ma tkunx saret minn marixxall, imma minn purtier. Jekk il-purtier ikun eżegwixxa l-mandat għaliex ikun isserva per mezz tiegħu l-marixxall, u ċjoè taħt ir-responsabilità ta' dan, allura l-eżekuzzjoni tal-mandat ma tistax tiġi attakkata; imma jekk il-purtier ikun eżegwixxa l-mandat mhux bħala mezz tal-marixxall, bħal ma ġara fil-każ preżenti, din l-eżekuzzjoni tista' tiġi attakkata u impunjata. L-interpretazzjoni li għandha tiġi mogħtija lil dan l-artikolu 68 hija illi waqt l-eżekuzzjoni ta' mandat jew ordni tal-Qorti, inkella ta' Imħallef, Maġistrat jew Reġistratur, ma tista' ssir ebda oppożizzjoni għal dan l-eżekuzzjoni; wara l-eżekuzzjoni, imbagħad, din ma tistax tiġi impunjata fuq il-motiv li, skond ir-regolamenti, din kellha ssir minn marixxall personalment flok per mezz ta' purtier. Bil-kliem użat f'dan l-artikolu "skond ir-regolamenti" (fit-test Ingliż "according to the rules") wieħed għandu jifhem ir-regolamenti msemmija fl-art. 67 (1), li, skond l-art. 30, il-Prim Imħallef u żewġ Imħallfin tal-Maestà Tagħha r-Reġina jistgħu jagħmlu, u li jissejħu "Regolamenti tal-Qrati";

Infatti, kif ġa ntqal, l-art. 65 jippreskrivi li l-marixxalli huma l-uffiċjali inkarigati mill-eżekuzzjoni tal-mandati jew ordnijiet oħra tal-Qrati Superjuri u dawk tal-Maġistrati; u kieku l-leġislatur b'dan l-art 68 ried li ma tista' qatt tiġi impunjata l-eżekuzzjoni ta' mandat u ordni simili, għax magħmula minn purtier f'lok minn marixxall personalment jew per mezz ta' purtier, kien juża l-kliem, mhux "skond ir-regolamenti" bħal ma uża, imma "skond il-liġi", jew kliem ekwivalenti. Fi kliem ieħor, dan l-artikolu 68 għandu jfisser illi l-eżekuzzjoni ta' mandat jew ordni oħra tal-Qorti, Imħallef, Maġistrat jew Reġistratur, ma tistax tiġi impunjata meta ma tiġix magħmula minn marixxall personalment, imma per mezz ta' purtier, avvolja skond ir-regolamenti meħtieġa

taħt l-imsemmi artikolu 30 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili din l-eżekuzzjoni *messha saret minn marixxall personalment;*

Din l-interpretazzjoni ta' l-art. 68 hija konformi għall-intenzjoni tal-leġislatur, kif jidher mid-dibattiment li sar fil-Kunsill tal-Gvern meta kien qiegħed isir dan l-artikolu. Infatti bl-artikolu 13 ta' l-*Ordinanza numru* VI ta' l-1880 ġew revokati l-artikoli minn 83 sa 90, komponenti t-Titolu V taħt ir-rubrika "Del Maresciallo" ta' l-Ordinanza numru IV ta' l-1851, ċjoè l-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u ġew sostitwiti b'artikoli oħra, minn 83 sa 90, taħt ir-rubrika "Dei Marescialli, Portieri, o altri Ufficiali Esecutivi". Id-dispożizzjoni ta' l-art. 86 (art. 68 tal-Kap. 15 skond l-Edizzjoni Riveduta) ma kienetx teżisti fil-liġi qabel ma ġiet emendata bl-imsemmija Ordinanza numru VI ta' l-1880. Meta din l-Ordinanza numru VI ta' l-1880 kienet *qiegħda tiġi diskussa* fil-Kunsill tal-Gvern fit-tieni lettura, fil-Volum IV paġna 1006 tad-"Debates of the Council of Government in the Session 1879-1880, Sitting No. 12, Wednesday, May 12, 1880", insibu riportat dan :— "Mr. Savona — Article 86 (ċjoè l-artikolu 68 tal-Kap. 15 eżattament kif huwa l-lum) appears to me to be useless. Once that the law authorises a porter or other officer to carry out acts or orders of the Court, how can such acts be impugned?" "The Crown Advocate — The law provides that no one can question or resist the power of a marshal, or a porter acting for the marshal". "Mr. Savona — But what then is the meaning of article 89 (art. 70 Kap. 15 Ediz. Riv.)?" "The Crown Advocate — It means that when a Police officer has the power, if he is resisted, to arrest a person, the Marshal or Porter, for the execution of his duties, has the same power. An officer acting under a warrant from the Court must be obeyed, subject to any remonstrance which the person to whom the warrant is addressed may have to make to the proper authority";

Minn dan li ntqal fuq jibqa' stabbilit li l-mandat tas-sekwestru in kwistjoni ma ġiex eżegwit kif kellu jkun, minn marixxall personalment jew per mezz ta' purtier, u konsegwentement l-eżekuzzjoni tiegħu hija nulla u ta' ebda effett legali. Konsegwentement ma hemmx lok li din il-Qorti tid-

hol fil-kwistjoni jekk l-istess sekwestru huwiex null jew revokabili għall-motiv allegat mill-attur fit-tieni lok fiċ-ċitazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur, u tiddikjara null u ta' ebda effett legali l-mandat ta' sekwestru msemmi fiċ-ċitazzjoni in kwantu dan ma ġiex eżegwit minn marixxall personalment jew per mezz ta' purtier, kif trid il-liġi. L-ispejjeż, in vista taċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa; dritt tar-Reġistru bin-nofs.